**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 23 ta' Jannar 2024**

**Kumpilazzjoni Numru 443/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Danny David Doneo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Danny David Doneo** li ġie akkużat talli f' Awwissu tas-sena 2002 u fil-jiem, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Iffalsifika xi atti li kien hemm fihom ordni jew deċiżjoni tal-Gvern ta' Malta, digriet jew ordni ta' xi Qorti, imħallef, maġistrat jew uffiċjal pubbliku, illi bihom tiġi ordnata jew mitmuma obbligazzjoni, inkella mogħti jew miċħud xi jedd lil xi ħadd, inkella li bihom xi persuna tiġi meħlusa jew ikkundannata fuq akkuża kriminali, u xjentement għamel użu minn dawn l-atti, deċiżjonijiet, digrieti jew ordnijiet iffalsifikati, u dan bi ksur tal-artikolu 170 (1) (2) tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;

2. Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f' xi document maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz u dan bi ksur tal-artikolu 188 (1) tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

3. B'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, għamel falsifikazzjoni fl skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, u xjentement għamel użu minnha u dan bi ksur tal-artikolu 187 (1) (2) tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli nhar is-27 ta' Settembru 2002, f'dawn il-Gżejjer fil-waqt li kien iseħħ żwieġ leġġittimu ma' Felicity Doneo nee' Grech, għamel żwieġ ieħor ma Clara Vella, u dan bi ksur tal-artikolu 196 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli nhar 1-14 t'April 2016, ġewwa l-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, ħalef falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti ġurament, u ċioe' quddiem il-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D, u dan bi ksur tal-artikolu 108 u 109 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lilha permezz ta' digriet tal-5 ta' Lulju 2023 tal-Onorevoli Prim'Imħallef Mark Chetcuti wara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 22 ta' Ġunju 2023, fejn l-istess Qorti rrevokat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza deċiża f'Ottubru 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat illi permezz ta' verbal magħmul fl-24 ta' Lulju 2023, il-Prosekuzzjoni u d-difiża iddikjaraw li l-Qorti kif presjeduta tista' tistrieħ fuq il-provi kollha prodotti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali datat 27 ta' Novembru 2017 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2017, l-imputat wieġeb li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġu trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-proċess verbal numru 356/17 magħluq fit-30 ta' Mejju 2017 dwar falsifikazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti li biha ngħata l-annullament fiż-żwieġ bejn Danny David Doneo u Felicity Doneo, liema proċess verbal ġie redatt wara rapport tal-Pulizija datat 21 ta' Marzu 2016;

Rat ir-rapporti, relazzjonijiet u xhieda inseriti fl-atti tal-imsemmi proċess verbal;

Rat is-*social inquiry report* ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2022;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tal-5 ta' Ottubru 2023 li permezz tiegħu il-Prosekuzzjoni rrilevat illi jekk din il-Qorti ssib ħtija fl-imputat għar-reat ta' ġurament falz, għandha tiġi applikata s-sanzjoni tal-interdizzjoni kif maħsuba fil-Kodiċi Kriminali;

Rat in-Nota tal-imputat ippreżentata fit-30 ta' Novembru 2023 li permezz tagħha oġġezzjona li tiġi mposta il-piena tal-interdizzjoni u dan għaliex hija effett u mhux parti mill-piena li kellha tiġi mogħtija mill-Ewwel Qorti. In oltre rrileva li l-piena tal-interdizzjoni hija diskrezzjonali u suġġetta għall-bdil fl-*status* tal-ħajja ċivili tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkużat dwar diversi fatti li wasslu għaż-żwieġ tiegħu nhar is-27 ta' Settembru 2002. Il-Prosekuzzjoni qiegħda tallega illi dan iż-żwieġ seħħ peress li l-imputat ippreżenta sentenza ta' annullament tal-ewwel żwieġ tiegħu, liema sentenza kienet waħda falsifikata.

Mill-provi jirriżulta illi fl-4 ta' Marzu 2016, il-Pulizija rċevew rapport mingħand id-Direttur Ġenerali tal-Qorti dwar sentenza tal-Qorti li x'aktarx kienet falza. Abbażi ta' dawn il-fatti ġiet miftuħa Inkjesta u ġie mitkellem l-imputat, li nsista li kien ħallas ċirka tlett elef lira Maltin (Lm3000) lil Dr. Edward Vassallo sabiex iż-żwieġ tiegħu jiġi annullat.

Fil-kors ta' dawn il-proċedurai xehed il-**Prim'Imħallef Emeritus Dr. Noel Arrigo** li stqarr li fil-ġurnata tal-allegata sentenza, u ċioe` fid-19 ta' Frar 2002, kien jokkupa l-kariga ta' Prim'Imħallef u ma kienx probabbli li kien qed jippresjedi kawżi ta' annullament ta' żwieġ. Huwa stqarr li l-firma fuq l-allegata sentenza ma taqbilx ma' tiegħu u wkoll illi f'kawżi ta' annullament huwa kien dejjem jinnomina Perit Legali, mentri f'dik preżenti ma kienx hemm tali nomina. Ix-xhud ra wkoll illi l-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż kienet stramba.

**Felicity Debono**, mart l-imputat, stqarret illi hija ndunat li kien hemm xi ħaġa mhux f'lokha meta marret biex iġġedded il-passport u qalulha li kunjomha kien ġie mibdul għal "Grech" peress li ż-żwieġ tagħha mal-imputat kien ġie annullat. Wara li għamlet il-verifiki tagħha, hija rriżultalha li qatt ma kienet ingħatat sentenza ta' annullament taż-żwieġ tagħha. Għaldaqstant tkellmet mad-Direttur Ġenerali tal-Qorti, u kif ukoll mal-Ispettur Jeffrey Scicluna mill-Għassa tal-Belt Valletta. Di fatti, **Frankie Mercieca**, Direttur Ġenerali tal-Qrati, ikkonferma li wara li kienu saru l-investigazzjonijiet neċessarji, irriżulta li s-sentenza in diżamina qatt ma kienet ingħatat.

**Eunice Grech Fiorini**, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, xehdet li fid-data indikat fuq is-sentenza, u ċioe` 19 ta' Frar 2022, l-Imħallef Noel Arrigo ma kellux seduta u li n-numru taċ-ċitazzjoni 1498/99 kienet f'ismijiet differenti u qed tiġi trattata mill-Imħallef Raymond C. Pace. Fir-rigward taċ-ċertifikat li ma sarx appell, liema dokument kien ukoll ippreżentat lir-Reġistru Pubbliku, x-xhud stqarret li kellu forma irregolari fl-indikazzjoni tal-okkju tal-kawża.

**Joyce Agius**, Deputat Reġistratur u li isimha u l-firma tagħha tidher fuq is-sentenza in kwistjoni, ċaħdet li l-firma kienet tagħha, filwaqt li deherilha li lanqas il-firma tal-Prim'Imħallef Noel Arrigo ma kienet tidher awtentika.

**Maria Lourdes Lautier**, Deputat Reġistratur, xehdet illi l-firma tagħha fuq iċ-ċertifikat li ma sarx appell tidher li hija awtentika, pero` l-mod kif kien imniżżel l-okkju tal-kawża jindika li l-istess dokument ma kienx wieħed regolari, u dana stante li l-ismijiet fuq iċ-ċertifikat u dawk murija fuq is-sentenza ma jaqblux fil-mod kif kienu miktuba.

**Clara Doneo**, mart l-imputat, stqarret li hija żżewġet lill-imputat fis-27 ta' Settembru 2002 u li pero` ma kinitx wisq involuta fil-proċeduri li l-imputat kellu ta' separazzjoni u annullament. Ftakret li kienet marret darba mal-imputat fl-uffiċju tar-Reġistru Pubbliku qabel ma ġie ċelebrat iż-żwieġ. Hija kienet ħasbet li l-annullament kien xi ħaġa li tiġi awtomatikament wara s-separazzjoni.

**L-imputat** stqarr li wara li ssepara minn ma' martu Felicity Debono huwa beda jikkonsidra jġib l-annullament. Għalhekk mar fl-uffiċju legali "ta' Herrera" u kien qed jassitih ċertu "Dr. Edward Vassallo". Huwa kien ħallas sabiex jibdew il-proċeduri ta' annullament u wara xi żmien l-istess Avukat kien bagħat għalih u tah is-sentenza biex jirreġistraha r-Reġistru Pubbliku. Huwa stqarr li s-sentenza ma kienx flieha fid-dettall għax kien mar biha mill-ewwel ir-Reġistru Pubbliku, pero` ma jaqbilx mal-kontenut tagħha peress li fiha fatti mhux korretti. Huwa ċaħad li ffabrika d-dokumenti u sostna li jekk hemm xi ħaġa mhux regolari, din saret mill-avukat tiegħu u mhux minnu.

**Dr. Joseph Giglio**, stqarr li huwa kien jipprattika bħala Avukat fl-istudju legali ta' Dr. Jose` Herrera bejn is-snin 1992 u 2009 pero` ma kien jiftakarx ebda avukat bl-isem ta' Dr. Edward Vassallo. Dr. Giglio ppreżenta wkoll *letter head* tal-uffiċju legali taż-żmien rilevanti sabiex ikun jista' jsir eżami komparattiv.

Illi fil-kors tal-Inkjesta ġie maħtur l-espert Joseph Mallia, liema espert ġie konfermat minn din il-Qorti diversament presjeduta. L-imsemmi espert kien ġie inkarigat li jagħmel eżami komparattiv tal-firem tal-Imħallef Noel Arrigo,

tad-Deputati Reġistraturi Eunice Fiorini, Joyce Agius u Maria Lourdes Lautier. Is-Sur Mallia ikkonkluda s-segwenti:

*Illi wara li saru l-eżamijiet kaligrafiċi komparattivi rikjesti, l-esponent jikkonkludi dan li ġej:*

1. *Illi ġew misjuba u identifikati diversi punti karatteristiċi ta' diskrepanza u nuqqas ta' qbil bejn il-punti karatteristiċi fil-kors tal-kitba fil-firma allegatament l-Onorevoli Imħallef Noel V. Arrigo li tidher miktuba fl-allegata sentenza numru 1498/99 NA dokument JM 2, u l-kampjuni tal-firma tal-istess Imħallef Noel V. Arrigo, detentur tal-karta tal-identità numru 48950 (M), kif rilaxxati minnu fis-seduta ta' nhar l-14 ta' April, 2016 u dokumentati bħala dokument JM 13.*

2. *Illi ġew misjuba u identifikati diversi punti karatteristiċi ta' diskrepanza u nuqqas ta' qbil bejn il-punti karatteristiċi fil-kors tal-kitba fil-firma allegatament tad-Deputat Reġistratur li tidher miktuba fl-allegata sentenza numru 1498/99 NA dokument JM 2, u l-kampjuni tal-firma ta' Joyce Agius, detentriċi tal-karta tal-identità numru 256467 (M), kif rilaxxati minnha fis-seduta ta' nhar l-14 ta' April, 2016 u dokumentati bħala dokumenti JM 14 u JM 15.*

3. *Illi ġew misjuba u identifikati diversi punti karatteristiċi identiċi u kompatibbli ma' xulxin bejn il-kopja tal-firma tas-sinjura M.L.Lautier li tidher miktuba fuq l-ewwel (1) paġna tad-dokument JM 2, nota datata 06 ta' Awwissu, 2002, re Ċitazzjoni Nru 1498/99 NA, fl-ismijiet Felicity Deneo -vs- Daniel Danny Doneo, u l-kampjuni tal-firma tal-istess M.L.Lautier detentriċi tal-karta tal-identità numru 543660 (M), kif rilaxxati minnha fis-seduta ta' nhar l-14 ta' April, 2016, u dokumentati bħala dokument JM 16 u JM 17.*

4. *Illi ġew misjuba u identifikati diversi punti karatteristiċi kompatibbli fil-kors tal-kitba tal-firma allegatament tal-Avukat Dr. Edward Vassallo li tidher miktuba fuq nota (oriġinali) bit-titlu HERRERA, HERRERA, GIGLIO ADVOCATES, indirizzata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku formanti parti mid-dokument JM 1 u l-kaligrafija ta' Danny Daniel Doneo li tidhre miktuba fid-djarju tas-sena 2015, dokument JM 12.*

5. *Illi ġew misjuba u identifikati diversi punti karatteristiċi kompatibbli fil-kors tal-kitba tal-firma allegatament l-Onorevoli Imħallef Noel V. Arrigo li tidher miktuba fuq l-allegata sentenza numru 1498/99 NA dokument JM 2, u l-kaligrafija ta' Danny Daniel Doneo li tidher miktuba fid-djarju tas-sena 2015, dokument JM 12.*

6. *Illi ġew misjuba u identifikati diversi punti karatteristiċi kompatibbli fil-kors tal-kitba tal-firma allegatament tal-Avukat Dr. Edward Vassallo li tidher miktuba fuq nota (oriġinali) bit-titlu HERRERA, HERRERA, GIGLIO ADVOCATES, indirizzata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku formanti parti mid-dokument JM 1, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew misjuba u identifikati fil-*

*kors tal-kitba tal-firma allegatament ta' l-Onorevoli Imħallef Noel V.Arrigo li tidher miktuba fuq l-allegata sentenza numru 1498/99 NA dokument JM 2.*

*Illi l-esponent qiegħed jirritorna d-dokumenti kollha li kien ġie awtorizzat jirtira mill-proċess sabiex seta' jaqdi l-inkarigu lilu mogħti.*

*Illi l-esponent qiegħed jippreżenta faxxikolu fotografiku flimkien ma' rapport tekniku ta' kif wasal għall-konklużjonijiet tiegħu lil din l-Onorabbli Qorti.*

## Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti se titratta l-ewwel u qabel kollox l-eċċezzjoni mqajjma mid-difiża fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, u ċioe` li l-ewwel erba' imputazzjonijiet huma preskritti ai termini tal-artikolu 688 (d) tal-Kodiċi Kriminali. Illi filwaqt li l-allegati reati seħħew fis-sena 2002, l-imputat ġie notifikat fl-2017. Id-difiża ssottomettiet illi fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet, it-terminu preskrittiv ta' ħames snin beda jiddekkori minn Awwissu 2002, filwaqt li fir-rigward tar-raba' imputazzjoni beda jiddekorri mis-27 ta' Settembru 2002.

Id-difiża tenniet li minn mindu seħħew l-allegati reati, l-imputat kien magħruf, identifikabbli u ma kien hemm ebda injoranza dwar l-identita` tiegħu.

Min-naħa l-oħra, il-Prosekuzzjoni ssottomettiet illi hija saret taf bil-fatti tar-reat fis-sena 2016, u ċioe` wara r-rapport ta' Felicity Doneo u li għalhekk, qabel l-istess sena, kien hemm injoranza assoluta da parti tagħha tal-fatti kif emerġew wara r-rapport ta' Felicity Doneo li saret taf bil-fatti fis-sena 2016. Illi għalhekk il-Prosekuzzjoni, qed takkampa ruħha mad-difiża illi f'dana il-każ hemm l-applikazzjoni ta' l-artikolu 692 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi testwalment: ***"Iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf".*** Il-Prosekuzzjoni ssostni li għalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni qatt ma seta' jibda jiddekorri favur l-imputat, iktar u iktar meta fil-każ odjern, mhux biss il-persuna tal-ħati (jew aħjar ta'l-imputat jew akkużat) ma kenitx magħrufa, iżda lanqas ma kien magħruf id-delitt, jew aħjar il-kommissjoni tar-reat in diżamina.

Il-Qorti tirrileva illi fir-rigward tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni, il-perjodu prekrittiv huwa dak ta' għaxar snin u mhux ta' ħames snin kif sottomess fin-Nota ta' Sottomissjonijiet. Fir-riward tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, il-perjodu preskrittiv huwa dak ta' ħames snin.

Illi fir-rigward tat-teżi tad-difiża, il-Qorti tagħmel referenza għal dak deċiż f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali li trattat dina l-kwistjoni legali fit-30 ta' Ottubru 2001 f'kawża fl-ismijiet ***"Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri".*** Illi fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti saħqet illi il-qari ta' dak

dispost fl-artikolu 692 għandu jinqara b'mod restrittiv u l-interpretazzjoni tiegħu ma għandhiex titwessa sabiex tinkludi l-istanza fejn id-delitt lanqas ma ikun magħruf. Dana għaliex l-Avukat Ġenerali f'dik il-kawża argumenta illi ġialdarba il-leġislatur ried illi l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta l-ħati mhux magħruf *multo magis* dana għandu japplika meta lanqas ir-reat ma jkun magħruf għaliex f'dana il-każ awtomatikament ifisser ukoll illi lanqas il-ħati ma jkun magħruf.

Illi il-Qorti ta'l-Appell ma qablitx ma' dana l-argument u stqarret:

*"Din il-Qorti mingħajr eżistazzjoni tiddikjara li ma taqbel xejn mat-teżi prospettata mill-Avukat Ġenerali u tagħmel referenza mill-ewwel għal dak li jgħid Giuglio Crivellari "Concetti Fondamentali di Diritto Penale" pubblikat fl-1888, para 125 f'paġna 121:-*

*"Per cio' che riguarda l'epoca da cui deve cominciare la decorrenza della prescrizione, il punto di partenza ha da essere e quello in cui cominciano a nascere rispettivamente nella societa' e nel delinquente i diritti e le obligazioni derivanti dal reato. In conseguenza, per quanto riflette la prescrizione dell'azione penale, essa principia dal giorno del commesso reato ancorche se ne ignori l'autore perche' e' da questo giorno che comincia nella societa' il diritto e l'obbligo a provedere"*

Din is-sentenza tagħmel referenza ukoll għal ġurisprudenza aktar antika fosthom għas-sentenzi ***Formosa vs Zarb*** tal-11 ta' Settembru 1922, u ***Il-Pulizija vs Mikiel Agius*** tat-3 ta' Frar 1947, fejn kien ġie deċiż: "*delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per i delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell' 11/09/22 in re Luigi Formosa vs Carmelo Zarb Cousin, cioe' che sia ignoto non gia in modo relattivo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e prattiche dello stesso colpevole."*

Illi il-liġi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza tal-azzjoni u mhux l-aspett proċedurali tagħha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tfittex, u ċioe', illi bniedem ma jiġix ipproċessat għal xi azzjoni wara trapass twil ta' żmien meta l-provi li jridu jiġu prodotti quddiem il-Qorti ikunu jew intilfu jew ġew offuskati minħabba t-telfien tal-memorja tax-xhieda li jiġu prodotti. Illi l-Qorti għalhekk temmen illi l-leġislatur espressament ipprovda dwar ċirkostanza partikolari, u ċioe' iċ-ċirkostanza fejn reat ikun magħruf iżda il-persuna li kkometta dak ir-reat ma jkunx u dana għandu sinifikat assolut fis-sens kif deċiż fis-sentenza hawn fuq ċitata illi irid ikun hemm injoranza assoluta ta' l-awtur tad-delitt. Il-leġislatur ma jsemmix il-każ fejn ir-reat ma

ikunx magħruf u kwindi dina d-disposizzjoni tal-liġi ma għandhiex tiġi interpretata li tfisser dan. Il-liġi hija ċara – il-preskrizzjoni tibda tiddekorri dejjem meta jsir ir-reat u jieqaf jiddekorri biss meta jkun magħruf li twettaq delitt u l-awtur ta' l-istess ma jkunx magħruf. Allura fis-sitwazzjoni fejn ir-reat ma jkunx magħruf il-preskrizzjoni għandha tibqa' għaddejja sakemm ir-reat jinkixef. Illi fil-każ in diżamina meta dana ir-reat inkixef, it-terminu tal-preskrizzjoni kien laħaq iddekorra.

Wara li l-Qorti ikkunsidrat dawn il-punti kollha, hija tal-fehma illi fil-fatt l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni huma preskritti.

Jibqa' għalhekk li tiġi deċiża l-ħames imputazzjoni, u ċioe` dik li l-imputat ħa ġurament falz quddiem il-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit fl-14 ta' April 2016, u ċioe` fil-kors tal-Inkjesta Maġisterjali.

Illi l-Qorti qieset il-provi kollha prodotti, inkluż dawk fl-atti tal-Inkjesta, minn liema atti jirriżulta ċar illi l-imputat iċċelebra t-tieni żwieġ tiegħu wara li ġew reġistrati mar-Reġistru Pubbliku atti falsifikati tal-Qrati u ittra legali. Illi din il-Qorti m'għandha ebda dubju dettat mir-raġuni li ma kienx proprju l-imputat li ffabrika dawn id-dokumenti u għamel użu minnhom sabiex ikun jista' jiżżewweġ lil Clara Vella. Madanakollu, meta xehed fl-atti tal-Inkjesta fl-14 ta' April 2016 huwa ċaħad li wettaq dak li qed jiġi akkużat bih. Din iċ-ċaħda pero` ma treġix mas-sejbiet oġġettivi tal-Perit Kalligrafiku Joseph Mallia li kkonkluda illi l-allegata firma ta' Dr. Edward Vassallo fuq ittra legali ndirizzata lir-Reġistru Pubbliku taqbel mal-kaligarfija tal-imputat riżultanti mid-djarju tiegħu tas-sena 2015 (Dokument JM12). L-istess irriżulta fir-rigward tal-allegata firma tal-Onorevoli Prim'Imħallef Noel Arrigo.

Illi għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat ma qalx il-verita` taħt ġurament meta kien qed jixhed quddiem il-Maġistrat Inkwerenti, u dan minkejja li ġie mogħtija d-debita twissija li seta' jagħżel li ma jixhidx.[1] Għalhekk il-ħames imputazzjoni ġiet ippruvata skont il-liġi.

Illi ai fini ta' piena, il-Qorti se tkun qed tieħu in kunsiderazzjoni n-natura serja tal-ħames imputazzjoni, pero` wkoll il-kontenut tas-*social inquiry report* li minnu jirriżulta li llu il-ġurnata l-imputat għandu ċertu stabilita` u struttura f'ħajtu.

Illi l-piena ravviżata għall-ħlif falz quddiem Maġistrat hija dik minn erba' xhur sa sena priġunerija. Il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi, anke minħabba t-trapass taż-żmien, għandha timponi termina ta' prinġunerija sospiża.

[1] Ara verbal tal-14 ta' April 2016 a fol. 10 u 11

**DECIDE**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat artikolu 108 (1) (a) u 109 tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara lil Danny David Doneo mhux ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni stante li dawn huma preskritti ai termini tal-artikolu 688 (c) u (d) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li ssibu ħati tal-ħames imputazzjoni u tikkundannah għal piena ta' erba' (4) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien tmintax (18)-il xahar mil-lum.

In oltre, ai termini tal-artikolu 109 (2) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tapplika l-piena tal-interdizzjoni ġenerali fil-konfront ta' Danny David Doneo kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun, għal żmien ħames (5) snin mil-lum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

In oltre, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati Danny David Doneo iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' **elf, mija u disa u tletin Euro u seba u tmenin ċenteżmu (€1,139.87)** u ċioe' l-ispejjeż tar-rapport ta' l-espert Joseph Mallia maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar l-*in genere.*

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**